# Fil-Qorti tal-Maġistrati (Malta)

## Bħala Qorti ta` Ġudikatura Kriminali

*Maġistrat Dottor Aaron M. Bugeja M.A. Law, LL.D. (melit)*

**Il-Pulizija**

**(Spettur Daryl Borg)**

**Vs**

**Allan Grima**

Il-Qorti rat l-imputazzjonijiet miġjuba kontra Allan Grima li għandu n-numru tal-karta tal-Identita` bin-numri 115783M li permezz tagħha ġie akkuzat li:

1. Talli fis-01 ta' Frar, 2017, bejn it-tlieta u s-sitta ta' wara nofsinhar (15:00hrs – 18:00hrs) ġewwa Triq San Franġisk Saver Fenech, Floriana u f'dawn il-Gżejjer Maltin ikkommetta serq ta` diversi oġġetti fosthom nuċċali tax-xemx u arloġġ minn ġewwa vettura bin-numru ta' reġistrazzjoni IBR 435 tal-għamla Mazda Demio liema serq huwa aggaravat bix-xorta tal-ħaġa misruqa u bil-valur li jeċċedi l-mitejn u tnejn u tletin ewro u erbgħa u disgħin ċenteżmu (€232.94) iżda mhux aktar minn l-elfejn tlett mija u disgħa u għoxrin ewro u sebgħa u tletin ċenteżmu (€2,329.37) għad-detriment ta' Yasmine Grima u/jew persuni oħra;

2. U aktar talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi volontarjament ħassar, jew għarraq ħwejjeġ ħaddiehor, mobbli jew immobbli, cioe' vettura bin-numru tar-reġistrazzjoni IBR 435 tal-għamla Mazda Demio għad-dannu ta' Yasmine Grima u terzi ohra, liema ħsara ma jiskorrix aktar minn mitejn u ħamsin ewro (€250).

3. U aktar talli irrenda ruħu reċidiv ai termini tal-artikoli 49, 50 u 289 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Rat l-atti u d-dokumenti eżibiti;

Rat li l-imputat ddikjara li hu ħati tal-imputazzjonijiet miġjuba kontra tiegħu;

Il-Qorti wara li spjegat u wissiet lill-imputat bl-aktar mod solenni fuq il-konsegwenzi legali tal-ammissjoni tiegħu, u wara li tat żmien biżżejjed lill-imputat sabiex jerġa` lura minnha, u wara li l-istess imputat reġgħa ikkonferixxa mal-Avukat Difensur rispettiv tiegħu, l-imputat għazel li jerġgħa jtenni l-ammissjoni tiegħu.

Ikkunsidrat li fid-dawl tal-ammissjoni inkondizzjonata tal-imputat, il-Qorti m'għandiex alternattiva għajr li ssibu ħati tal-imputazzjonijiet miġjuba kontra tiegħu.

## *DECIDE:*

Għaldaqstant fuq l-ammissjoni inkondizzjonata tiegħu stess, il-Qorti qiegħda ssib lil Allan Grima, reċidiv f'delitti, ħati tal-imputazzjonijiet miġjuba kontrih u wara li rat l-Artikoli 261 (c) (g), 267, 271 (g), 279 (a), 280 (1), 325 (1) (c) u 49, 50, 289 magħqudin ukoll mal-Artikoli 17 (h) u 31 tal-Kodiċi Kriminali, tikkundannah ghal ħmistax (15) – il xahar priġunerija.

Inoltre, il-Qorti wara li rat l-Artikolu 392A tal-Kodiċi Kriminali tordna li din is-sentenza flimkien mal-Atti jiġu mghoddija lill-Avukat Ġenerali fi żmien mogħti skond il-Liġi.

***Mogħtija illum 29 ta' Ottubru, 2018 fil-Qrati tal-Ġustizzja, Valletta.***

***Aaron M. Bugeja***